RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1804

tat-3 ta' Ottubru 2017

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli tal-fruntieri interni fiż-żona Schengen

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) F'żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni, l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni tista' tiġi deċiża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex ikun ipprovdut rispons għal sitwazzjonijiet li jaffettwaw b'mod serju l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna ta' dik iż-żona, ta' partijiet minnha, jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Minħabba l-impatt li l-introduzzjoni mill-ġdid jista' jkollha fuq il-persuni u l-oġġetti kollha li għandhom id-dritt li jiċċaqilqu b'mod liberu fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, hija tista' tkun biss miżura tal-aħħar rimedju soġġetta għal kundizzjonijiet stretti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u t-tul taż-żmien ta' kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid temporanja.

(2) Id-dispożizzjonijiet attwali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprevedu l-possibbiltà biex mingħajr dewmien jerġgħu ikunu introdotti kontrolli b'mod temporanju fil-fruntieri interni fejn theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tirrikjedi azzjoni immedjata fi Stat Membru, għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn (l-Artikolu 28). Il-Kodiċi jipprovdi wkoll għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntiera għal theddid serju għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna f'każ ta' avvenimenti prevedibbli, għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur (l-Artikolu 25). L-implimentazzjoni flimkien tal-Artikoli 28 u 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tippermetti li l-kontrolli fil-fruntieri jinżammu għal perjodu totali ta' mhux iktar minn tmien xhur. Barra minn hekk, theddida ġdida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna twassal għal applikazzjoni ġdida tar-regoli (u għaldaqstant kalkolu ġdid tat-tul tal-perjodu ta' kontrolli).

(3) L-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jinkludi proċedura eċċezzjonali li tippermetti l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni għal perjodu massimu ta' sentejn fejn il-funzjonament kumplessiv taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jitqiegħed f'riskju b'riżultat ta' nuqqasijiet serji persistenti relatati mal-kontroll tal-fruntieri esterni identifikati waqt evalwazzjoni ta' Schengen. Bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), din il-proċedura tista' tintuża wkoll f'każ li Stat Membru ma jieħux l-azzjoni meħtieġa wara valutazzjoni tal-vulnerabbiltà jew ma jikkooperax mal-Aġenzija, fejn is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni teħtieġ azzjoni urġenti.

(4) Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-limiti taż-żmien fis-seħħ bħalissa wrew li kienu biżżejjed,l-aħħar żminijiet wrew li ċertu theddid serju għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna, bħal theddid terroristiku jew movimenti sekondarji importanti mhux kontrollati fi ħdan l-Unjoni, jistgħu jippersistu sew lil hinn mill-perjodi msemmija hawn fuq.

(5) Il-Kummissjoni adottat proposta għal emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen biex dawn it-theddidiet persistenti jiġu ndirizzati fil-futur. Il-proposta timmodifika l-limiti ta' żmien kif stipulati fl-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen f'każ ta' avvenimenti prevedibbli u, bħala tali, tagħraf li l-estensjoni tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni lill'hinn mil-limiti ta' żmien attwali tista' tiġi ġġustifikata sa perjodu massimu ta' sentejn. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi wkoll għall-possibbiltà li jiġu estiżi l-kontrolli fil-fruntieri interni fejn it-theddida speċifika għas-sigurtà interna jew għall-politika pubblika tippersisti anki lil hinn minn dak il-limitu ta' żmien.

(6) Dawn l-iskadenzi l-ġodda huma akkumpanjati minn rekwiżiti proċedurali addizzjonali għall-Istati Membri li għandhom jiġu sodisfatti qabel l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma meħtieġa jappoġġjaw n-notifiki tagħhom b'valutazzjoni tar-riskju li turi li l-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni pjanata ta' kontrolli fil-fruntieri interni hija miżura tal-aħħar istanza u jispjegaw kif kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata t-theddida identifikata. Barra minn

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

hekk, il-Kummissjoni issa hija obbligata tagħti opinjoni kull meta l-kontrolli fil-fruntieri interni jaqbżu sitt xhur. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw "il-proċedura ta' konsultazzjoni" wara l-opinjoni tal-Kummissjoni huma modifikati wkoll biex jirriflettu r-rwol il-ġdid għal Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta u l-Europol u biex jiġi żgurat li r-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-parteċipazzjoni ta' Stati Membri ġirien, jitqiesu kif xieraq. Dawn il-bidliet kollha huma maħsuba biex jiżguraw li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni jintużaw biss meta u sakemm ikun meħtieġ u ġustifikat.

(7) Il-bidliet proposti għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jibnu fuq id-dispożizzjonijiet attwali. Waqt li jistennew l-adozzjoni tal-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen kif spjegat fid-dettall hawn fuq, huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha li jkollhom il-ħsieb li jintroduċu mill-ġdid b'mod temporanju l-kontroll fil-fruntieri interni jimplimentaw għalkollox ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li issa diġà jirrikjedi li l-Istati Membri li biħsiebhom jużaw din il-miżura l-ewwel jikkunsidraw miżuri alternattivi ta' kontrolli fil-fruntieri u li jikkoperaw mal-Istati Membri ġirien.

(8) Skont l-Artikolu 26 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, qabel ma tittieħed deċiżjoni biex jiġu introdotti mill-ġdid jew li jiġu estiżi l-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jivvaluta sa fejn tali miżura x'aktarx li tirrimedja b'mod adegwat it-theddid għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna, kif ukoll il-proporzjonalità tal-miżura fir-rigward ta' dik it-theddida, waqt li jikkunsidra, fost l-oħrajn, l-impatt probabbli ta' tali miżura fuq il-moviment liberu ta' persuni fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Kontrolli mmirati, ibbażati fuq analiżi tar-riskju u intelligence aġġornati l-ħin kollu għalhekk għandhom jgħinu fl-ottimizzazzjoni tal-benefiċċju tal-kontrolli u jillimitaw l-effetti negattivi tagħhom fuq il-moviment liberu.

(9) L-Istati Membri affettwati mill-kontrolli introdotti mill-ġdid fit-taqsimiet rilevanti tal-fruntiera għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-ħtieġa tagħhom, bil-ħsieb li tiġi organizzata kooperazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri kollha involuti u biex jiġu eżaminati, fuq bażi regolari, il-proporzjonalità tal-miżuri għall-avvenimenti li jagħtu lok għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri u t-theddid għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna. L-Istat Membru li ddeċieda li jintroduċi mill-ġdid dawn il-kontrolli għandu jikkunsidra dawk il-fehmiet meta jeżamina u jirrevedi l-ħtieġa ta' verifiki bħal dawn, bl-għan li jadattahom regolarment skont iċ-ċirkostanzi.

(10) Skont l-Artikolu 27(1)(e) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istat Membru tal-estensjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni għandu jipprovdi, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri l-oħra fil-kuntest tar-reviżjoni ppjanata tal-kontrolli fuq il-fruntieri. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 27(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jistgħu jsiru laqgħat konġunti, bejn l-Istat Membru li jkun qed jippjana li jerġa' jintroduċi l-kontrolli fil-fruntieri interni, l-Istati Membri l-oħra, speċjalment dawk affettwati direttament minn tali miżuri, u l-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi organizzata, fejn xieraq, kooperazzjoni reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn il-kuntatti ma' Stati Membri ġirien għandhom jintużaw biex jillimitaw l-impatt fuq il-moviment liberu.

(11) Minħabba li l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid ta' kontroll fil-fruntieri interni tista' ssir biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bħala miżura tal-aħħar rimedju, l-Istati Membri l-ewwel għandhom jeżaminaw jistgħux jintużaw miżuri alternattivi oħra għall-kontroll tal-fruntieri li jirrimedjaw b'mod effettiv it-theddida identifikata u jiddeċiedu li jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni kkonċernati biss bħala l-aħħar miżura, meta tali miżuri anqas restrittivi għal traffiku transfruntier ma jistgħux jindirizzaw it-theddidiet identifikati b'mod xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw dwar l-eżitu ta' din ir-riflessjoni u r-raġunijiet għall-għażla għal kontrolli fuq il-fruntieri fin-notifika tagħhom skont l-Artikolu 27(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(12) F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa biex ikomplu jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2017 (C(2017) 3349 finali) dwar kontrolli tal-pulizija proporzjonati u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen.

(13) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun implimentata bir-rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

(14) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Istati ta' Schengen kollha marbuta mit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

NILLIMITAW L-IMPATT FUQ IL-MOVIMENT LIBERU

Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġu protetti l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna tal-Istati Membri u l-benefiċċji ta' żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-Istati Membri li biħsiebhom jintroduċu mill-ġdid kontrolli temporanji fil-fruntieri interni għandhom jikkunsidraw bir-reqqa u jevalwaw b'mod regolari l-aspetti li ġejjin meta, skont l-Artikolu 26 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jivvalutaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' kwalunkwe introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri interni skont l-Artikoli 25 u 28 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

(a) l-impatt probabbli ta' tali introduzzjoni mill-ġdid fuq il-moviment liberu ta' persuni fi ħdan iż-żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni;

(b) l-impatt probabbli ta' tali introduzzjoni mill-ġdid fis-suq intern.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri li biħsiebhom jintroduċu mill-ġdid kontrolli temporanji fil-fruntieri interni, in-notifika skont l-Artikolu 27(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, għandhom jinfurmaw f dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħhom dwar l-impatt tal-introduzzjoni mill-ġdid jew l-estensjoni ppjanata tal-kontrolli fil-fruntieri interni fuq il-moviment ħieles u s-suq intern.

L-Istati Membri li għandhom il-ħsieb jintroduċu mill-ġdid kontrolli temporanji fil-fruntieri interni għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li ma tkunx iġġustifikata mit-theddida serja identifikata għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna. Pereżempju, huma għandhom jillimitaw is-sezzjonijiet tal-fruntiera fejn jerġgħu idaħħlu temporanjament il-kontroll fil-fruntieri interni, għal dawk li huwa strettament meħtieġa sabiex tiġi indirizzata t-theddida identifikata.

RESPONSABBILTÀ KONDIVIŻA U L-KOOPERAZZJONI

Fid-dawl ta' dan l-objettiv li jiġi limitat l-impatt fuq il-moviment liberu, l-Istati Membri li biħsiebhom jintroduċu mill-ġdid kontrolli temporanji fil-fruntieri interni għandhom:

(a) jikkonsultaw sew minn qabel lill-Istati Membri affettwati mill-introduzzjoni mill-ġdid ippjanata;

(b) iżommu kooperazzjoni kontinwa u mill-qrib, li tippermetti li jkun hemm rieżami kostanti u adattament tal-kontrolli sabiex jirriflettu l-ħtiġijiet li qed jevolvu u l-impatt fuq il-post;

(c) jkunu lesti biex jassistu lil xulxin bil-ħsieb li jkun hemm implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli fuq il-fruntiera, fejn meħtieġa u ġustifikata.

L-UŻU TA' MIŻURI ALTERNATTIVI

Sabiex jiġi żgurat li l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid ta' kontroll fil-fruntieri interni hija miżura tal-aħħar istanza, użata biss meta tiġi identifikata theddida serja għall-politika pubblika jew is-sigurtà interna li ma tistax tiġi indirizzata kif xieraq b'mezzi oħra, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2017 (C(2017) 3349 finali) dwar kontrolli tal-pulizija proporzjonati u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Dimitris AVRAMOPOULOS
Membru tal-Kummissjoni